MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1018/2009

**Bianchi & Co Limited**

**Vs**

**Coraline Stone Malta Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Dicembru 2009 fejn intalab illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn disgha mija u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€2,950.74) dovuti minnhom wara lis-socjeta attrici giet inkarigata tipprovdi servizz ta' transport u shipping ta' merkanzija mis-socjeta intimata.

Liema somma baqghet mhux imhallsa mis-socjeta intimate minkejja li kienet interpellata diversi drabi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fl-14 ta’ Ottubru 2010 fejn is-socjeta konvenuta tallega illi kif jidher mill-kopji tal-iskambju tal- emails annessi mal-avviz tat-talba tas-socjeta attrici, s-socjeta attrici hija debitrici tas-socjeta konvenuta ghal somma li teccedi dik mitluba mis-socjeta attrici stess u rapprezentanti depoziti mhallsa lis-socjeta attrici ghal kull inkarigu ta’shipping lilha mghoti mis-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta konvenuta gjaladarba talbet lis-socjeta attrici tghaddi ghat-tpacija tas-somma mitluba izda baqghet inadempjenti.

It-Tribunal ra wkoll il-kontro talba tas-socjeta konvenuta fejn talba illi s-socjeta attrici ghandha tidkjarata debitrici tas-socjeta konvenuta ghas-somma ta’ tlett elef erba mija u erbgha u disghin Ewro (€3,494), somma li tirrapprezenta depoziti mhallsa fuq kull ordni ta’ container. Illi ghalkemm mitluba tirrifondi din is-somma, r-rikonvenzjonata baqghet inadempjenti.

It-Tribunal ezamina x-xhieda u l-provi li ngiebu.

Illi minkejja li hemm kontrotalba s-socjeta attrici ma pprezentat l-ebda risposta.

Xehed Michael Caruana u spjega kemm dwar l-ammont li s-socjeta attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta konvenuta kif ukoll dwar l-ammont ta’ depozitu li s-socjeta attrici zammet minghand is-socjeta konvenuta. Huwa xehed illi l-ammont ta’ depozitu huwa ferm inqas mill-ammont li s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici.

Filfatt mid-dokument li pprezenta jirrizulta li originarjament is-socjeta attrici kellha tithallas is-somma ta’ tlett elef hames mija u tlieta u tletin Ewro u disgha centezmi (€3,533.09) minghand is-socjeta konvenuta. Izda wara li tnaqqsu d-depoziti li kien hemm imhallsa l-ammont nizel ghal elfejn disgha mija u hamsin Ewro u erbgha u sebghin

centezmu (€2,950.74) liema dokumenti jinsabu a fol 37 tal-process. Dan wara li tnaqqsu tlett depoziti li kellha imhallsa s-socjeta konvenuta li kienu jammontaw ghal hames mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€582.35).

Ix-xhud Chris Fenech illi s-socjeta konvenuta kienet ilha tahdem mas-socjeta attrici ghal iktar minn sena qabel inqalghet din il-problema ta’ hlas li grat fis-sena 2009 u spjega kif is-socjeta attrici waslet ghall-ammont mitlub fl-avviz u dan wara li nqatghu d-depoziti mhallsa. Dan ix-xhud xehed ukoll dwar il-kontrotalba u qal illi “sal-perjodu tal-11 ta’ Frar 2009 il-klijent kellu akkumulu ta’ depoziti bhala demurrage fl-ammont ta’ elf mitejn wiehed u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,280.17). Sussegwentement fil-11 ta’ Frar tas-sena 2009 il-klijent kien importa tlett containers f’daqqa u kien hemm l-ammont ta’ erbat elef u sitta u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€4,076.80). Ghandi nghid illi l-klijent ghazel li jalloka d-demurrage deposits kontra dan l-ammont.” Dan ix-xhud ezebixxa ukoll dokumenti insostenn ta’ dan li xehed liema dokument jinsab jinsab a fol 44 tal-process f’pagna numru 2 fejn jidher illi l-invoice tal-11 ta’ Frar 2009 kienet ghall ammont ta’ erbat elef u sitta u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (Euro 4,076.84) li minnhom inqatghu d-depoziti li akkumulaw fl-ammont ta’ elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,281.17) Il-klijent jidher li hallas ammont ta’ tlett elef, erbgha mija u tmienja u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€3,428.10) biex b’hekk gabar l-ammont ta’depoziti li kellu migbura pero rega hallas extra l-ammont ta’ sitt mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€632.43) liema ammont rega naqas mill-invoice sussegwenti tas-16 ta’ Frar 2009.

Din ix-xhieda ma giet kkontestata bl-ebda prova kuntrarja u lanqas ma sar ebda kontroezami taghhom u ghalhekk qed titqies bhala mhux kkuntestata.

Min-naha taghha s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova la biex tikkondradetta t-talba attrici u lanqas in sostenn tal-kontro talba.

Ghalhekk it-Tribunal wara li ra d-dokumenti kollha pprezentati u x-xhieda li xhedu viva voce, iqis illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, filwaqt illi l-kontrotalba ma gietx ippruvata sodisfacentement. Ghalhekk filwaqt illi tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn disgha mija u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, fl-istess hin tichad il-kontrotalba u tillibera lis-socjeta attrici mil-istess talba.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------